MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2270/2002

**Avviz Nru: 2270/02PM**

**Carmel, Grazzio, Marisa, John u Paul ahwa Magro**

**Vs**

**Carmen Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm 344.13c (tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmi) rappresentanti ammont bilancjali dovut lill-konvenuta f’ Aussie Self Service.

Bl-ispejjes tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat- 3 ta’ Gunju, 2002 tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Jannar 2001, u bl-imghax legali mit- 22 ta’ Ottubru, 1997 data ta’ l-ahhar konsenja, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet

ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ ammisjoni pprezentata f’ 11 ta’ Novembru, 2002 fejn il-konvenuta ammettiet t-talba attrici.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**